

Ir-rikorrent jinwoka l-iżball manifest ta' evalwazzjoni, il-ksur ta' l-obbligu ta' motivazzjoni, il-ksur tal-punt 1.6 tal-miżuri ta' applikazzjoni dwar l-għoti ta' punti ta' mertu u dwar il-promozzjoni kif ukoll tal-ksur tal-prinċipji ġenerali ta' prospetti ta' karriera u ta' trattament ugwali.

B'mod partikolari, huwa jsostni l-ksur ta' l-Artikolu 45 u ta' l-Artikolu 110(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, l-eċċezzjoni ta' illegalità u l-ksur tal-prinċipju ta' l-aspettattivi leġittimi.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrent isostni li huwa kien is-suġġett ta' diskriminazzjoni minħabba l-attivitatiet tiegħu ta' rappreżentanza tal-persunal, bi ksur ta' l-Artikolu 1d, u ta' l-Artikolu 24b tar-Regolamenti, tas-sitt sub paragrafu ta' l-Artikolu 1 ta' l-anness II tar-Regolamenti, kif ukoll ta' l-Artikolu 17 tal-Ftehim ta' Qafas tat-12 ta' Lulju 1990 bejn il-Parlament Ewropew u s-sindakati jew l-organizzazzjonijiet professjonali tal-persunal ta' l-istituzzjoni.

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2007 — Van Beers vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-126/07)

(2008/C 22/110)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Isabelle Van Beers (Woluwe-St-Etienne, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. u E. Marchal, avocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra (AIPN) li tiċhađ il-kandidatura tar-rikorrenti, fil-proċedura ta' ċertifikazzjoni 2006;
- tosserva li l-Artikolu 4(2) tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni (iktar 'il quddiem: id-“DĠI”) ta' l-Artikolu 45 A tar-Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem: ir-“Regolamenti”), inkwantu huwa għandu l-effett jew li jeskludi t-teħid in kunsiderazzjoni tal-livell reali tal-kompiti mwettqa minn kandidat għaċ-ċertifikazzjoni, jew inkella li jżomm distinzjoni bejn il-kategoriji antiki C\* u B\* wara t-30 ta' April 2006, huwa illegali;
- tordna li l-Kummissjoni għandha tbatl l-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti, uffiċjal tal-Kummissjoni ta' grad AST 6, ippreżentat il-kandidatura tagħha fil-kuntest tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni

2006. Fid-29 ta' Marzu 2007 l-AIPN ikkonfermat id-deċiżjoni tagħha tat-22 ta' Frar 2007, wara appell tar-rikorrenti minn din id-deċiżjoni, li ma taċċettax il-kandidatura tagħha għall-proċedura ta' ċertifikazzjoni 2006, b'mod definittiv.

In sostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinwoka, l-ewwel nett, iżball manifest ta' evalwazzjoni.

Barra minn hekk, hija tinwoka l-illegalità ta' l-Artikoli 4(2) tad-DĠI ta' l-Artikolu 45 tar-Regolamenti.

B'mod partikolari, ir-rikorrenti tinwoka l-ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali, ta' non diskriminazzjoni u ta' proporzjonalità, il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u ta' prospetti ta' karriera, kif ukoll il-prinċipju ta' l-aspettattivi leġittimi.

### Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2007 — Coto Moreno vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-127/07)

(2008/C 22/111)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Juana Maria Coto Moreno (Gaborone, Botswana) (rappreżentanti: K. Lemmens, C. Doutrelepon, avocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Frar 2007 li permezz tagħha l-bord ta' l-eżaminaturi fil-kompetizzjoni EPSO/AD/28/05 irrifjuta li jinkludi lir-rikorrenti fil-lista ta' riżerva ta' din il-kompetizzjoni, u għalhekk:
- tingħata kumpens għad-danni morali fl-ammont ta' EUR 25 000;
- tingħata kumpens sabiex tkopri d-drittijiet ta' l-avukat stmati fl-ammont ta' EUR 8 000 u ċertifikati mis-sitwazzjoni komunikata;
- tiddeċiedi, b'mod prinċipali, li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kull azzjoni sabiex ikun hemm rimedju ġust għad-dannu kkawżat mill-att annullat, jiġifieri li r-rikorrenti tiġi inkluża fil-lista ta' riżerva jew
- sussidjarjament, fin-nuqqas ta' din l-inklużjoni, li r-rikorrenti tingħata kumpens għad-danni materjali fl-ammont ta' 384 000 EUR;
- tikkundanna lill-konvenuta tbatl l-ispejjeż.